



Brussell, 12 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9190/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0053(COD)**

**TRANS 184
CODEC 818**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6795/23 + ADD 1
Suġġett:	Thejjja tal-laqgħa tal-Kunsill (<u>Trasport</u>, Telekomunikazzjoni u Enerġija) tal-1 ta' Ġunju 2023 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan, li temenda d-Direttiva (UE) 2022/2561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 383/2012 – Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Fil-laqgħa tal-Kunsill (Trasport) tal-1 ta' Ġunju 2023, il-Ministri ser jiġu mistiedna jkollhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar ir-raba' riforma tad-Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan¹. Il-Presidenza ħejjiet dokument ta' informazzjoni (fl-Anness) inkluż mistoqsijiet biex tgħin fl-istrutturar tad-diskussjoni.

¹ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan, li temenda d-Direttiva (UE) 2022/2561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 383/2012 (ST 6795/23 + ADD 1).

2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tad-dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza, kif jinsab fl-Anness għal din in-nota, u jibagħtu lill-Kunsill għad-dibattitu ta' orjentazzjoni msemmi hawn fuq.
-

Ir-raba' Riforma tad-Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan
Dibattitu ta' orjentazzjoni tal-Ministri għat-Trasport fil-laqgħa tal-Kunsill (TTE)
tal-1 ta' Ġunju 2023

Sfond

Ir-regoli dwar il-liċenzji tas-sewqan huma qasam ta' armonizzazzjoni inkrementali tal-UE, li bdiet fl-1980 bl-ewwel Direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan. L-aħħar riforma maġġuri, it-tielet riforma fl-2006, kellha tiġi applikata fl-Istati Membri permezz tat-traspożizzjoni fir-regoli nazzjonali sa Jannar 2013. Il-proposta għas-sostituzzjoni tad-Direttiva permezz tar-raba' riforma ġiet adottata mill-Kummissjoni fl-1 ta' Marzu 2023 bħala parti mill-"pakkett dwar is-sikurezza fit-toroq", wara evalwazzjoni² u valutazzjoni tal-impatt³.

L-oġġettivi ġenerali tal-intervent tal-UE huma li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u li jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni. L-interventi speċifiċi jikkonċernaw prattikament is-suġġetti kollha tad-Direttiva attwali, b'mod partikolari t-titjib tal-ħiliet tas-sewqan, l-għarfien u l-esperjenza, it-tnaqqis tal-imġiba perikoluża, il-verifika ta' saħħa fiżika u mentali adegwata tas-sewwieqa, miżuri kontra l-falsifikazzjoni u "xiri ta' liċenzji", qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva, u t-tneħħija ta' ostakli għall-moviment liberu, inkluż permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċessi u r-rekwiżiti amministrattivi.

Il-korpi preparatorji tal-Kunsill bdew l-eżami tal-proposta fit-8 ta' Marzu 2023. Il-Presidenza bdiet il-ħidma fuq il-proposti ta' compromess⁴.

-
- ² Evalwazzjoni tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan, SWD (2022) 17 final, appoġġata minn studju estern ta' Ġunju 2021.
- ³ ST 6795/23 ADD 2 u 3.
- ⁴ B'konċentrazzjoni fuq il- "blokk 3 u 4", li jinkludu l-Artikoli 8, 10 sa 18 u l-Annessi relatati.

Sikurezza fit-toroq

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2017 dwar is-sikurezza fit-toroq⁵, li japprovaw l-hekk imsejħa "Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta", ifformulaw l-impenji tal-Istati Membri f'oqsma differenti ta' attività biex itejbu aktar is-sikurezza fit-toroq, u ffaċilitaw il-Qafas ta' Politika tal-Kummissjoni dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030⁶, li fih il-Kummissjoni impenjat ruħha mill-ġdid għall-għan tal-UE fuq terminu medju li tnaqqas l-imwiet u l-korrimenti serji b' 50 % sal-2030 meta mqabbel mal-2020, u tennew l-għan ambizzjuż tagħha li sal-2050 ikun hemm kważi zero mwiet u korrimenti serji fit-toroq tal-UE ("Viżjoni Zero").

Id-Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan hija pilastru importanti ta' dik l-istrateġija u waħda mill-aktar tanġibbli għaċ-ċittadini tal-UE.

Elementi ġodda jew armonizzati jinkludu dawn li ġejjin:

- Perjodu ta' prova ta' mill-inqas sentejn għal sewwieqa ġodda li jkopri l-kategoriji kollha ta' liċenzji tas-sewqan, marbut ma' aktar skrutinju (b'mod partikolari relatat mas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb);
- Sewqan akkumpanjat ta' karożżi u trakkijiet mill-età ta' 17-il sena biex tinkiseb esperjenza tas-sewqan;
- Estensjoni tal-perjodu ta' tiġdid regolari għall-muturi u l-karożżi tal-passiġġieri għal 15-il sena, iżda b'interruzzjoni fl-età ta' 70 sena sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni aktar frekwenti tal-idoneità għas-sewqan;
- Iffokar tar-riżorsi tas-servizz tas-saħħa billi tkun meħtieġa awtovalutazzjoni tas-saħħa bħala miżura li tippermetti d-determinazzjoni tal-ħtieġa għal eżami mediku li jippreċedi l-liċenzji tal-karożżi tal-passiġġieri u tal-muturi;
- Deċiżjoni fil-livell tal-UE (Kummissjoni) dwar il-livell ta' sikurezza fit-toroq ta' pajjiż terz li jkun ekwivalenti, li jwassal għal skambju rikonoxxut bis-sħiħ tal-liċenzji tas-sewqan tagħhom.

⁵ ST 8666/1/17 REV 1, adottat fit-8 ta' Ġunju 2017.

⁶ Il-passi li jmiss lejn "Viżjoni Zero" (SWD (2019) 283 final).

Aġġornament teknoloġiku u diġitalizzazzjoni

Bħal fir-riformi preċedenti, id-dispożizzjonijiet attwali jeħtieġ li jiġu aġġornati fir-rigward tal-iżvilupp teknoloġiku. L-elementi li ġejjin huma parti minn dan l-isforz:

- Liċenzja tal-karozzi tal-passiġġieri li ssir valida awtomatikament wara sentejn għal karozzi itqal li jaħdmu bi fjuwil alternattiv;
- Aċċess aktar faċli għas-sewqan ta' karozzi bi trażmissjoni manwali jekk it-taħriġ ikun fuq vettura awtomatika;
- Test tat-teorija aktar elaborat biex ikopri l-attitudnijiet lejn l-utenti tat-triq li huma vulnerabbli, l-antiċipazzjoni tal-perikli, ir-riskji assoċjati mas-sewqan bl-użu ta' sistemi avvanzati ta' assistenza fis-sewqan, l-għarfien tal-aspetti tas-sikurezza ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi u l-imġiba fis-sewqan biex jiġu limitati l-emissjonijiet;
- L-użu ta' simulaturi biex tiġi ttestjata b'mod prattiku r-reazzjoni għal sitwazzjonijiet perikolużi.

Il-karatteristika ewlenija ta' modernizzazzjoni tal-proposta hija l-introduzzjoni obbligatorja ta' liċenzja tas-sewqan diġitali⁷, li għandha tkun ibbażata fuq il-kompjuter u vverifikata elettronicament. Il-proprjetajiet ta' tali liċenzja jenħtieġ li jiġu żviluppati flimkien mal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għall-verifika tal-identifikazzjonijiet diġitali tal-UE fl-Istati Membri kollha, li l-għan tagħha huwa li tkopri s-servizzi online, il-mobbiltà u l-liċenzji tas-sewqan, is-saħħa, l-edukazzjoni, il-finanzi diġitali u l-kredenzjali tal-ivvjaġġar. Il-proposti relatati huma mistennija għal tmiem l-2023. Id-detentur ta' liċenzja diġitali jenħtieġ li jkun jista' jggedded jew jiskambja tali liċenzja fl-Unjoni permezz ta' portal tas-servizzi diġitali pprovdut mill-Istati Membri. Il-liċenzja tas-sewqan diġitali għandha tkun it-tip awtomatiku ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa, li tħalli l-għażla għaċ-ċittadini li jitolbu liċenzja fiżika tas-sewqan jew it-tnejn li huma.

⁷ Imsejħa "liċenzja tas-sewqan mobbli" skont l-istandard ISO rilevanti.

Mistoqsijiet:

1. Fil-fehma tiegħek, b'liema mod tista' d-Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan tkompli tikkontribwixxi biex tiżdied is-sikurezza tat-traffiku fit-toroq fl-Unjoni?
 2. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-ħtieġa ta' awtovalutazzjoni tas-saħħa qabel ma tinħareġ jew tiġġedded liċenzja tas-sewqan?
 3. Il-proposta tipprovdi l-elementi t-tajba f'termini ta' diġitalizzazzjoni u adattament għall-iżvilupp teknoloġiku? Fir-rigward tal-liċenzji tas-sewqan diġitali, fl-opinjoni tiegħek, x'għandu jitqies bħala elementi ewlenin fit-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom (pereżempju fir-rigward tal-istandards tal-UE, il-kontrollabbiltà, l-introduzzjoni gradwali u s-sostituzzjoni gradwali tal-liċenzji fiżiċi)?
-